SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

11 ta' Diċembru 2024*

"Klawżola ta' arbitraġġ – Ftehim ta' sussidju relatat mal-proġett TTD.EU ('European Quality Wines: Taste the Difference') – Miżuri ta' għoti ta' informazzjoni u ta' promozzjoni ta' prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi – Sospensjoni tal-ftehim ta' sussidju – Suspetti ta' frodi fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali dwar ftehim ta' sussidju ieħor – Responsabbiltà kuntrattwali"

Fil-Kawża T-440/22,

Unione Italiana Vini Servizi Soc. coop. arl (UIV Servizi), stabbilita f'Milano (l-Italja), irrappreżentata minn B. Bonafini, D. Rovetta u V. Villante, avukati,

rikorrenti,

vs

L-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA), irrappreżentata minn S. Payan-Lagrou u V. Canetti, bħala aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża),

komposta minn O. Porchia (Relatriċi), Presidenta, M. Jaeger, L. Madise, P. Nihoul u S. Verschuur, Imħallfin,

Reġistratur: P. Cullen, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura,

wara s-seduta tas-6 ta' Marzu 2024,

wara li rat it-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni mressqa mir-REA tal-10 ta' Settembru 2024,

wara li rat id-deċiżjoni li tinfetaħ mill-ġdid il-fażi orali tal-proċeduri,

wara li rat l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti dwar it-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Ottubru 2024,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat id-deċiżjonijiet tal-21 ta' Ottubru 2024 li tingħaqad mal-mertu t-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni u li tingħalaq il-fażi orali tal-proċeduri,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 272 TFUE, ir-rikorrenti, Unione Italiana Vini Servizi Soc. coop. arl (UIV Servizi), qiegħda titlob, l-ewwel nett, li tiġi ddikjarata l-invalidità tad-deċiżjoni tar-REA li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju Nru 874904 relatat mal-proġett intitolat "European Quality Wines: Taste the Difference – TTD.EU", li jinsab fl-ittra tar-REA tat-2 ta' Mejju 2022 (iktar 'il quddiem l-"ittra ta' konferma tas-sospensjoni"), it-tieni nett, li r-REA tiġi ordnata tneħħi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u, it-tielet nett, li din tal-aħħar tiġi kkundannata tħallasha kumpens għad-danni materjali u morali li r-rikorrenti tallega li ġarrbet minħabba din is-sospensjoni.

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija assoċjazzjoni Taljana li ilha sa mill-1895 tirrappreżenta impriżi fis-settur tal-inbid Taljan fuq livell Ewropew u internazzjonali. Hija toffri firxa wiesgħa ta' servizzi lill-professjonisti tal-inbid, inkluż servizzi ta' konsulenza dwar il-finanzjament u l-proġetti Ewropej.

3 Fis-6 ta' Diċembru 2019, ir-rikorrenti, fil-kwalità ta' koordinatriċi u ta' benefiċjarja, u l-assoċjazzjoni Spanjola Organización Interprofesional del Vino de España (OIVE), fil-kwalità ta' benefiċjarja, ikkonkludew mal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumaturi, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (Chafea) il-Ftehim ta' sussidju Nru 874904, li l-għan tiegħu huwa t-twettiq ta' proġett intitolat "European Quality Wines: Taste the Difference – TTD.EU", liema proġett huwa intiż li jippromwovi l-inbejjed Taljani u Spanjoli fis-swieq taċ-Ċina u tal-Istati Uniti (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' sussidju TTD.EU"). B'effett mill-1 ta' April 2021, ir-REA ġiet fdata bl-implimentazzjoni tal-miżuri ggarantiti miċ-Chafea.

4 Il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kien parti mis-Sejħa għal Proposti tal-15 ta' Jannar 2019, Għotjiet għal miżuri ta' għoti ta' informazzjoni u ta' promozzjoni rigward prodotti agrikoli implimentati fis-suq intern u f'pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) Nru 1144/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2019, C 18, p. 4).

5 Skont l-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, il-ftehim kellu jdum 36 xahar mill-1 ta' Marzu 2020.

6 Permezz ta' ittra tas-16 ta' April 2020, l-OIVE informat lir-rikorrenti li xtaqet ittemm il-parteċipazzjoni tagħha fil-Ftehim ta' sussidju TTD.EU mill-1 ta' Marzu 2020.

7 Permezz ta' ittra tad-29 ta' Mejju 2020, ir-rikorrenti talbet liċ-Chafea, minn naħa, tfassal *addendum* għall-Ftehim ta' sussidju TTD.EU sabiex jiġi kkonstatat ix-xoljiment tal-imsemmi ftehim mill-OIVE u, min-naħa l-oħra, iżżid lil Promotora d'Exportacions Catalanes, SA (PRODECA) bħala benefiċjarja. L-imsemmi *addendum* ġie konkluż maċ-Chafea fis-6 ta' Lulju 2020.

8 Bejn l-24 ta' April u l-1 ta' Novembru 2020 u bejn it-18 ta' Jannar u t-22 ta' Mejju 2021, il-proġett ġie sospiż abbażi tal-Artikolu 35 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

9 Fi Frar 2021, ġiet iffinalizzata l-għażla tar-rikorrenti tal-korp eżekuttiv tal-proġett li huwa s-suġġett tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, liema korp huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet intiżi sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan il-proġett. Ópera Business Dreams SLU ngħatat il-kuntratt għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-imsemmi proġett.

10 Fit-28 ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti informat lir-REA fuq il-portal tal-parteċipanti li, fis-27 ta' Mejju 2021, il-Guardia di Finanza di Milano (il-Gwardja tal-Finanzi ta' Milano, l-Italja) kienet wettqet awditu fir-rigward tagħha abbażi ta' mandat ta' perkwiżizzjoni u ta' qbid maħruġ mill-Prosekutur tar-Repubblika Taljana fit-Tribunale di Milano (il-Qorti ta' Milano, l-Italja) fl-24 ta' Mejju 2021. Dan l-awditu twettaq fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija fuq livell nazzjonali kontra l-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti, id-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti u l-konsulent estern għar-rikorrenti kif ukoll għal Veronafiere SpA, fuq suspett ta' frodi (iktar 'il quddiem l-"investigazzjoni kriminali"). Barra minn hekk, dan l-awditu, li s-suġġett tiegħu kien il-Ftehim ta' sussidju Nru 826012, li r-rikorrenti hija koordinatriċi u benefiċjarja tiegħu, jiġifieri l-Ftehim "Native grapes Academy – NGA" (iktar 'il quddiem il-"Ftehim ta' sussidju NGA") iffoka fuq ir-relazzjoni kuntrattwali bejn Veronafiere u r-rikorrenti u fuq il-koeżistenza ta' żewġ kuntratti prinċipali bejn dawn iż-żewġ kumpanniji.

11 Fis-6 ta' Awwissu 2021, saret laqgħa permezz ta' videokonferenza (iktar 'il quddiem il-"laqgħa permezz ta' videokonferenza tas-6 ta' Awwissu 2021") bejn ir-rikorrenti u l-persuna responsabbli għall-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fi ħdan ir-REA, li matulha r-rikorrenti pprovdiet iktar informazzjoni dwar l-investigazzjoni kriminali. F'din l-okkażjoni, il-persuna responsabbli għall-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fi ħdan ir-REA osservat, fil-fehma tar-rikorrenti, li, peress li l-investigazzjoni kriminali kienet tikkonċerna ftehim ta' sussidju differenti, jiġifieri l-Ftehim ta' sussidju NGA, hija ma qisitx li kien neċessarju li tieħu miżura relatata mal-eżekuzzjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, liema ftehim ta' sussidju seta' għalhekk jissokta bl-eżekuzzjoni normali tiegħu.

12 Wara l-laqgħa permezz ta' videokonferenza tas-6 ta' Awwissu 2021, ir-REA għaddiet lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) l-informazzjoni pprovduta mir-rikorrenti. Permezz ta' nota tat-13 ta' Jannar 2022, ir-REA ġiet informata bil-fatt li, fis-7 ta' Diċembru 2021, l-OLAF kien fetaħ investigazzjoni dwar allegazzjonijiet ta' frodi u irregolaritajiet oħra fl-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' sussidju konklużi mir-rikorrenti, Veronafiere u entitajiet oħra mal-Unjoni Ewropea, inkluż il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU (iktar 'il quddiem l-"investigazzjoni tal-OLAF"). Barra minn hekk, f'din in-nota, kien indikat li fl-istadju tal-ftuħ tal-investigazzjoni ma kienet ġiet prevista ebda miżura amministrattiva preventiva.

13 Fis-27 ta' Jannar 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew f'Milan talab lill-imħallef għall-investigazzjonijiet preliminari fit-Tribunale di Milano (il-Qorti Distrettwali ta' Milano) li t-terminu tal-investigazzjoni kriminali jiġi estiż b'sitt xhur.

14 Permezz ta' ittra tat-23 ta' Frar 2022 (Ref. Ares (2022) 1381304] (iktar 'il quddiem l-"ittra ta' informazzjoni minn qabel"), ir-REA informat lir-rikorrenti bl-intenzjoni tagħha li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU abbażi tal-Artikolu 33.2 tal-imsemmi ftehim. F'din l-ittra, ir-REA indikat dan li ġej:

"[A]bbażi tal-informazzjoni li waslitilna li l-organizzazzjoni tiegħek hija s-suġġett ta' investigazzjoni kriminali fl-Italja minħabba suspett ta' frodi, aħna nqisu li l-eżekuzzjoni [tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU] ma tistax tissokta u għandha tiġi sospiża sakemm tiċċara s-sitwazzjoni".

15 Fit-22 ta' Marzu 2018, ir-rikorrenti ppreżentat osservazzjonijiet b'risposta għall-ittra ta' informazzjoni minn qabel. Hija sostniet b'mod partikolari li, bħala persuna ġuridika, hija ma kienet involuta f'ebda proċedura kriminali u li l-investigazzjoni kriminali msemmija mir-REA kienet tikkonċerna tnejn mill-impjegati tagħha.

16 Permezz tal-ittra ta' konferma tas-sospensjoni, ir-REA kkonfermat li riedet tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU b'effett mit-8 ta' Mejju 2022 u ċaħdet l-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti billi indikat, b'mod partikolari, li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kienet ibbażata fuq l-Artikolu 33.2.1(a) ta' dan il-ftehim ta' sussidju. Fil-fatt, fil-fehma tar-REA, il-persuni fiżiċi li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni kriminali kienu awtorizzati jirrappreżentaw lir-rikorrenti jew jieħdu deċiżjonijiet f'isimha, u dan, skont l-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, kien jiġġustifika s-sospensjoni ta' dan il-ftehim. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, ir-REA ppreċiżat li, anki jekk l-investigazzjoni kriminali kienet għadha għaddejja u li, f'dak iż-żmien, ma kien hemm ebda prova ta' irregolaritajiet jew ta' frodi, hija setgħet, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fil-każ ta' suspett ta' frodi kif kien indikat fl-imsemmija dispożizzjoni.

17 Permezz ta' posta elettronika tas-6 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti talbet li ssir laqgħa fi Brussell (il-Belġju) mar-REA sabiex tiġi diskussa l-ittra ta' konferma tas-sospensjoni u sabiex tipprova ssib soluzzjoni bonarja.

18 Fl-24 ta' Mejju 2022, fil-kuntest tal-investigazzjoni tal-OLAF (ara l-punt 12 iktar 'il fuq), twettaq awditu *in situ* fil-bini tar-rikorrenti, fl-Italja, sabiex jiġi vverifikat jekk hija kinitx wettqet irregolaritajiet fil-kuntest ta' proġetti ffinanzjati mill-Unjoni, fosthom il-proġett li huwa s-suġġett tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

19 Fil-25 ta' Mejju 2022, ir-REA ssospendiet iż-żmien li fih kellu jsir il-ħlas abbażi tal-Artikolu 31.1(c) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, minħabba dubju dwar l-eliġibbiltà tal-ispejjeż iddikjarati fil-kontijiet annwali, liema kontijiet kienu jeħtieġu verifiki, reviżjonijiet, awditi jew investigazzjonijiet addizzjonali.

20 Permezz ta' posta elettronika tat-30 ta' Mejju 2022, ir-REA rrifjutat it-talba tar-rikorrenti sabiex issir laqgħa (ara l-punt 17 iktar 'il fuq), minħabba l-fatt li, billi l-investigazzjoni tal-OLAF kienet għadha għaddejja, hija ma kinitx f'pożizzjoni li tiddiskuti kwistjonijiet konkreti dwar is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jew dwar l-investigazzjoni nnifisha tal-OLAF.

21 Fit-12 ta' Lulju 2022, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

Fatti u proċeduri li seħħew wara l-preżentata tar-rikors

22 Fit-12 ta' Lulju 2022, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew f'Milano talab lill-imħallef għall-investigazzjonijiet preliminari fit-Tribunale di Verona (il-Qorti Distrettwali ta' Verona, l-Italja) is-sekwestru preventiv fis-somma ta' EUR 2 085 810.96 fil-konfront tar-rikorrenti. Fit-13 ta' Settembru 2022, l-imħallef għall-investigazzjonijiet preliminari fit-Tribunale di Verona (il-Qorti Distrettwali ta' Verona) laqa' din it-talba u ordna s-sekwestru preventiv fis-somma ta' EUR 2 085 810.96 fil-konfront tar-rikorrenti u, fil-każ li s-sekwestru ta' din is-somma ma jkunx possibbli, is-sekwestru ta' beni li jappartjenu lir-rikorrenti, sal-ammont ta' din is-somma.

23 Permezz ta' ittra tat-23 ta' Settembru 2022, ir-rikorrenti ressqet quddiem it-Tribunale di Verona (il-Qorti Distrettwali ta' Verona) talba għal eżami mill-ġdid tas-sekwestru preventiv ordnat minn din l-istess qorti.

24 Fit-2 ta' Frar 2023, il-Prosekutur tal-Corte dei conti (il-Qorti tal-Awdituri, l-Italja) tar-reġjun tal-Lombardia (l-Italja) talab sekwestru kawtelatorju tal-beni u tal-kontijiet bankarji tar-rikorrenti sabiex jiġu protetti l-fondi tal-Unjoni fil-kuntest tal-Ftehim ta' sussidju NGA. Permezz tad-digriet Nru 2/2023 tat-13 ta' Frar 2023, l-imħallef tal-Corte dei conti (il-Qorti tal-Awdituri) tar-reġjun tal-Lombardia awtorizza s-sekwestru fl-ammont ta' EUR 2.085 miljun, pendenti l-konferma jew l-emenda tad-digriet, wara seduta prevista għas-16 ta' Marzu 2023. Billi r-rikorrenti ħallset l-imsemmi ammont, fit-23 ta' Frar 2023, id-digriet ta' sekwestru tal-Corte dei conti (il-Qorti tal-Awdituri) tar-reġjun tal-Lombardia tneħħa u l-proċedura ngħalqet.

25 B'risposta għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura proposta mill-Qorti Ġenerali, il-partijiet ikkonfermaw, waqt is-seduta, li l-investigazzjoni tal-OLAF kienet ingħalqet fit-12 ta' Diċembru 2022. F'dan ir-rigward, il-partijiet ippreċiżaw ukoll li, abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni, l-OLAF kien għamel rakkomandazzjonijiet finanzjarji lir-REA, li l-implimentazzjoni tagħhom, fir-rigward tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, ma kinitx wasslet, fid-data tas-seduta, għal miżuri ta' implimentazzjoni.

26 Fl-10 ta' Settembru 2024, ir-REA ressqet talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni u fiha informat lill-Qorti Ġenerali bil-fatt li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kienet tneħħiet. F'dan ir-rigward, ir-REA pproduċiet ittra tat-13 ta' Mejju 2024, li permezz tagħha hija kienet informat lir-rikorrenti bil-fatt li, wara analiżi tal-konklużjonijiet tal-investigazzjoni tal-OLAF u wara l-eżitu tal-investigazzjoni kriminali riċenti, is-sospensjoni tal-imsemmi ftehim ta' sussidju setgħet titneħħa.

27 Wara l-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċeduri, ir-rikorrenti, fl-14 ta' Ottubru 2024, ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha dwar it-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni mressqa mir-REA. F'dawn l-osservazzjonijiet, ir-rikorrenti, filwaqt li kkonfermat li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kienet tneħħiet u li l-eżekuzzjoni ta' dan tal-aħħar kienet kompliet mill-ġdid mill-1 ta' Ottubru 2024, opponiet l-imsemmija talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni għal raġunijiet varji.

28 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li t-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni tressqet wisq tardivament mir-REA b'mod li hija għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli.

29 It-tieni nett, ir-rikorrenti ssostni li, għalkemm ir-REA neħħiet "formalment" is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, is-sospensjoni hija issa waħda mill-"ostakoli tekniċi" għall-implimentazzjoni konkreta tal-ftehim ta' sussidju. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tenfasizza li r-"riattivazzjoni" formali tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU mir-REA tikkostitwixxi ammissjoni tan-natura żbaljata tas-sospensjoni inizjali tiegħu, u dan speċjalment meta l-fatti kollha ta' din il-kawża baqgħu l-istess sa mill-bidu.

30 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li, minflok ma tressaq talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-REA setgħet tikkomunika minn qabel mar-rikorrenti sabiex jiġu diskussi t-tkomplija tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u l-implikazzjonijiet tagħha għal din il-kawża. Billi ma informatx lir-rikorrenti minn qabel, ir-REA aġixxiet *mala fide*.

31 Ir-raba' nett, ir-rikorrenti tqis li għandha interess li l-Qorti Ġenerali tagħti deċiżjoni dwar it-talba għal kumpens u, għaldaqstant, li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk is-sospensjoni inizjali tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kinitx leġittima jew le. Ir-rikonoxximent mill-Qorti Ġenerali tal-illegalità tas-sospensjoni tikkostitwixxi, minnha nnifisha, interess ġuridiku u forma bażika ta' kumpens, fis-sens li terġa' titnaddaf ir-reputazzjoni tar-rikorrenti fis-suq tal-inbid.

It-talbiet tal-partijiet

32 Ir-rikorrenti essenzjalment titlob, fl-aħħar verżjoni tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiddikjara l-invalidità tad-deċiżjoni ta' sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, li tinsab fl-ittra ta' konferma tas-sospensjoni;

– tordna lir-REA tneħħi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU;

– tikkundanna lir-REA tħallasha kumpens fl-ammont ta' EUR 500 000;

– tiddikjara li s-suġġett tar-rikors jissussisti;

– tikkundanna lir-REA għall-ispejjeż.

33 L-REA essenzjalment titlob, fl-aħħar verżjoni tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiddikjara li ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors;

– sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala parzjalment inammissibbli u parzjalment infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq il-klawżola ta' arbitraġġ

34 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 41.2 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jinkludi klawżola ta' arbitraġġ fis-sens tal-Artikolu 272 TFUE, li tagħti lill-Qorti Ġenerali u, fil-każ ta' appell, lill-Qorti tal-Ġustizzja, ġurisdizzjoni esklużiva sabiex jieħdu konjizzjoni ta' kull tilwima li tikkonċerna l-interpretazzjoni, l-applikazzjoni jew il-validità tal-imsemmi ftehim li ma tkunx tista' tiġi deċiża b'mod bonarju.

Fuq id-dritt applikabbli

35 Meta tiġi adita bis-saħħa ta' klawżola ta' arbitraġġ taħt l-Artikolu 272 TFUE, il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi t-tilwima abbażi tad-dritt sostantiv li japplika għall-kuntratt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Diċembru 1986, Il-Kummissjoni vs Zoubek, 426/85, EU:C:1986:501, punt 4).

36 F'dan il-każ, skont il-klawżola tad-dritt applikabbli mdaħħla fl-Artikolu 41.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, il-kuntratt huwa rregolat mid-dritt tal-Unjoni applikabbli, ikkompletat, jekk ikun meħtieġ, mid-dritt Belġjan.

37 Dan ifisser li, kif ġie kkonfermat mill-partijiet waqt is-seduta, il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, b'mod partikolari, it-Trattat FUE u r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36, iktar' il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju").

38 Barra minn hekk, għandu jiġi ppreċiżat li, meta l-istituzzjonijiet, il-korpi jew l-organi tal-Unjoni jeżegwixxu kuntratt, huma jibqgħu suġġetti għall-obbligi tagħhom taħt il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u skont il-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, ADR Center vs Il-Kummissjoni, C-584/17 P, EU:C:2020:576, punt 86). B'hekk, jekk il-partijiet jiddeċiedu, fil-kuntratt tagħhom, li jattribwixxu lill-qorti tal-Unjoni, permezz ta' klawżola ta' arbitraġġ, il-ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' tilwim marbut ma' dan il-kuntratt, dik il-qorti jkollha ġurisdizzjoni, indipendentement mid-dritt applikabbli stipulat fl-imsemmi kuntratt, sabiex teżamina kwalunkwe ksur tal-Karta u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Inclusion Alliance for Europe vs Il-Kummissjoni, C-378/16 P, EU:C:2020:575, punt 81).

39 Barra minn hekk, sabiex timtela xi lakuna fid-dispożizzjonijiet kuntrattwali jew fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU huwa rregolat mid-dritt nazzjonali indikat fil-ftehim, jiġifieri, f'dan il-każ, id-dritt Belġjan.

40 B'hekk, għandhom jiġu ppreċiżati r-regoli li jirregolaw l-eżekuzzjoni u l-interpretazzjoni tal-kuntratti fid-dritt Belġjan kif kienu fis-seħħ meta ġie konkluż u eżegwit il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

41 L-Artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan jipprevedi, fl-ewwel paragrafu tiegħu, li l-"ftehimiet magħmula legalment għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom" u, fit-tieni paragrafu tiegħu, li dawn il-ftehimiet "ma jistgħux jitħassru ħlief bil-kunsens tal-partijiet jew għar-raġunijiet previsti fil-liġi".

42 It-tielet paragrafu tal-Artikolu 1134 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan jipprevedi wkoll li l-ftehimiet għandhom jitwettqu *bona fide*. L-Artikolu 1135 tal-istess kodiċi jipprevedi li l-"ftehimiet mhux biss jobbligaw lill-partijiet joqogħdu għal dak li jkun stipulat fihom, iżda wkoll għal kull konsegwenza li, min-natura tagħhom, titnissel minnhom skont l-ekwità, il-konswetudni jew il-liġi".

43 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kuntratti, l-Artikolu 1156 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan jipprovdi li wieħed għandu "jfittex l-intenzjoni komuni tal-partijiet kontraenti, pjuttost milli jillimita ruħu għat-tifsira letterali tat-termini".

44 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 1157 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, "meta klawżola jista' jkollha żewġ tifsiriet, għandha tiġi interpretata skont it-tifsira li biha din jista' jkollha xi effett".

45 Fl-aħħar nett, skont l-Artikolu 1161 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, "[k]ull klawżola fi ftehim għandha tiġi interpretata 'l waħda b'rabta mal-oħra, b'mod li kull waħda tingħata t-tifsira li titnissel mill-att sħiħ", u, skont l-Artikolu 1162 tal-istess kodiċi, li jistabbilixxi l-prinċipju tal-interpretazzjoni *contra proferentem*, "[f]il-każ ta' dubju, il-ftehim għandu jiġi interpretat kontra dak li jkun stipulah u favur dak li jkun ntrabat bl-obbligu".

Fuq l-ewwel kap tat-talbiet, intiż sabiex il-Qorti Ġenerali tiddikjara l-invalidità tal-ittra ta' konferma tas-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU

46 Insostenn ta' dan l-ewwel kap tat-talbiet, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi, ibbażati rispettivament:

– l-ewwel wieħed, fuq in-natura illegali tal-ittra ta' konferma tas-sospensjoni u tal-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU;

– it-tieni wieħed, fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità;

– it-tielet wieħed, fuq in-natura illegali tal-ittra ta' konferma tas-sospensjoni u tan-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 33.2.1(b) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU;

– ir-raba' wieħed, fuq in-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba previst fl-Artikolu 41 tal-Karta u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni ta' ċertezza legali, ta' aspettattivi leġittimi u ta' proporzjonalità, kif ukoll tal-obbligu ta' motivazzjoni previst fl-Artikolu 296(2) TFUE.

47 Qabel ma jiġu eżaminati l-imsemmija motivi, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-interess ġuridiku ta' rikorrent għandu, fid-dawl tas-suġġett tar-rikors, u taħt piena ta' inammissibbiltà, jissussisti fil-mument li fih jiġi ppreżentat dan tal-aħħar. Dan is-suġġett

tal-kawża prinċipali għandu, bħall-interess ġuridiku, jissussisti sal-mument li fih tingħata d-deċiżjoni ġudizzjarja, għaliex, altrimenti, ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, u b'hekk huwa meħtieġ li r-rikors ikun jista', permezz tal-eżitu tiegħu, jikseb benefiċċju għall-parti li tkun ippreżentatu (ara s-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni, C-362/05 P, EU:C:2007:322, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 F'dan il-każ, it-tneħħija tas-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU (ara l-punt 26 iktar 'il fuq), li, apparti minn hekk, ma tekwivalix għall-irtirar tad-deċiżjoni li jiġi sospiż dan il-ftehim, ma hijiex ta' natura li tissodisfa lir-rikorrenti, inkwantu, din tal-aħħar, bir-rikors tagħha, qiegħda tfittex li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi t-tilwima kontra r-REA fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u tiddikjara l-invaliditàtad-deċiżjoni li jiġi sospiż l-imsemmi ftehim. B'mod iktar preċiż, billi l-eżekuzzjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU issa ser tkompli mill-ġdid, ir-rikors jista' jikseb benefiċċju għar-rikorrenti sa fejn jagħmilha possibbli li tiġi ċċarata l-interpretazzjoni tal-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u li jiġi evitat li l-allegat ksur jirrepeti ruħu fil-futur.

49 Għalhekk, it-talba għall-konstatazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni mressqa mir-REA għandha tiġi miċħuda sa fejn tikkonċerna l-ewwel kap tat-talbiet.

50 B'hekk, għandhom jiġu eżaminati flimkien l-ewwel u t-tielet motiv, ibbażati fuq in-natura illegali tal-ittra ta' konferma tas-sospensjoni, fuq l-applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u fuq in-nuqqas ta' applikazzjoni tal-Artikolu 33.2.1(b) tal-istess ftehim ta' sussidju.

51 Permezz tal-ewwel u tat-tielet motiv, ir-rikorrenti qiegħda essenzjalment tikkritika lir-REA talli kisret l-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU sa fejn, l-ewwel nett, hija, bħala persuna ġuridika, ma kinitx involuta fl-investigazzjoni kriminali, liema investigazzjoni kriminali kienet tikkonċerna tnejn mill-impjegati tagħha, jiġifieri persuni fiżiċi, li, fil-fehma tagħha, ma kellhom ebda setgħa deċiżjonali. It-tieni nett, fid-dawl tal-fatt li, fil-mument li fih ġie sospiż il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, l-investigazzjoni kriminali kienet għadha fl-istadju preliminari, iż-żewġ persuni fiżiċi kkonċernati mill-investigazzjoni kriminali ma setgħux jiġu kklassifikati bħala "persuni ssuspettati li wettqu frodi" fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-imsemmi ftehim ta' sussidju. It-tielet nett, is-suspetti ta' frodi ma kinux jikkonċernaw il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, iżda l-Ftehim ta' sussidju NGA, b'tali mod li r-REA kellha tibbaża s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fuq l-Artikolu 33.2.1(b) ta' dan tal-aħħar, li jikkorrispondi għall-Artikolu 202(2) tar-Regolament Finanzjarju, li, madankollu, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu ma kinux issodisfatti f'dan il-każ.

52 B'dan il-mod, ir-REA kisret il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza li jinsab fl-Artikolu 48(1) tal-Karta u wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti rilevanti. Hija kisret ukoll il-prinċipju ta' *bona fide* fl-eżekuzzjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u l-obbligi ta' informazzjoni minn qabel u "ta' twissija tar-riżultati" tad-dritt Belġjan, liema ksur jikkostitwixxi wkoll, mill-perspettiva tad-dritt tal-Unjoni, ksur tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali. Fil-fatt, fil-fehma tar-rikorrenti, waqt il-laqgħa permezz ta' videokonferenza tas-6 ta' Awwissu 2021, ir-REA indikatilha li l-investigazzjoni kriminali ma kellha ebda effett fuq il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU li, fil-fehma tar-REA, seta' għalhekk jissokta mingħajr diffikultà. Sussegwentement, ir-REA ddeċidiet li tbiddel il-pożizzjoni tagħha f'daqqa u mingħajr spjegazzjoni, bla ma informat minn qabel lir-rikorrenti dwar dan, u bagħtet direttament lil din tal-aħħar l-ittra ta' informazzjoni minn qabel.

53 L-REA tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

54 Fl-ewwel lok, ir-REA ssostni li ż-żewġ impjegati tar-rikorrenti li huma s-suġġett tal-investigazzjoni kriminali huma, fil-kwalità tagħhom ta' President-Direttur Ġenerali u Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti, awtorizzati jirrappreżentaw jew jieħdu deċiżjonijiet f'isimha u li l-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jipprevedi l-possibbiltà li l-imsemmi ftehim jiġi sospiż minħabba suspetti ta' żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi fil-konfront ta' persuni fiżiċi awtorizzati jirrappreżentaw jew jieħdu deċiżjonijiet f'isem il-benefiċjarju. Minn dan jirriżulta li s-suspetti ta' frodi li jikkonċernaw iż-żewġ impjegati tar-rikorrenti kienu jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-imsemmi ftehim ta' sussidju. Barra minn hekk, ir-REA tippreċiża, f'dan ir-rigward, li mill-informazzjoni dwar l-avviż ta' għeluq il-fażi preliminari tal-investigazzjoni kriminali tat-12 ta' Diċembru 2022 jirriżulta li r-rikorrenti, bħala persuna ġuridika, kienet ukoll involuta fl-investigazzjoni kriminali.

55 Fit-tieni lok, ir-REA ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, hija, ir-REA, osservat il-preżunzjoni ta' innoċenza tal-impjegati li huma s-suġġett tal-investigazzjoni kriminali, sa fejn hija qisithom bħala "persuni ssuspettati" u mhux bħala "persuni akkużati" fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni.

56 Fil-fatt, fil-fehma tar-REA, għandha ssir distinzjoni, fid-dawl tad-dritt proċedurali kriminali Taljan, bejn is-sitwazzjoni ta' "persuna ssuspettata" u dik ta' "persuna akkużata". Skont l-Artikolu 60 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Taljan, persuna ssuspettata ssir persuna akkużata meta tiġi akkużata b'reat f'att tal-akkuża, wara li l-prosekutur ikun għalaq il-fażi ta' investigazzjoni. Issa, f'dan il-każ, l-impjegati tar-rikorrenti kkonċernati mill-investigazzjoni kriminali ma ġewx akkużati fil-mument li fih infetħet il-proċedura ta' sospensjoni u ma tqisux bħala "persuni akkużati" fis-sens tal-Artikolu 60 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Taljan. Ir-REA tenfasizza li hija essenzjalment qagħdet fuq il-fatt li l-impjegati tar-rikorrenti inkwistjoni, fil-kwalità tagħhom ta' persuni fiżiċi awtorizzati jirrappreżentaw jew jieħdu deċiżjonijiet f'isem din tal-aħħar, kienu s-suġġett tal-investigazzjoni kriminali fl-Italja u kienu formalment inklużi fir-reġistru tar-reati kriminali fis-7 ta' Lulju 2021, sabiex tqis li dawn l-impjegati kienu ssuspettati bi frodi fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u sabiex, fid-dawl ta' dan, tissospendi l-imsemmi ftehim ta' sussidju.

57 Barra minn hekk, ir-REA ssostni li l-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU huwa intiż li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni billi jippermetti s-sospensjoni ta' ftehim li jagħti sussidji lil xi benefiċjarju meta dan tal-aħħar ikun wettaq, jew ikun issuspettat li wettaq, frodi. Din id-dispożizzjoni, li tinsab fil-ftehimiet ta' sussidji standard kollha, timplimenta l-Artikolu 131(3) tar-Regolament Finanzjarju. L-għan tal-miżura ta' sospensjoni prevista fl-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jitqiegħed f'perikolu li kieku l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza jeżiġi, kif proprju ssostni r-rikorrenti, li s-sospensjoni tkun tista' tiġi implimentata biss ladarba l-imputat jinstab ħati minn qorti kriminali.

58 Barra minn hekk, fil-kontroreplika, ir-REA tenfasizza li l-interpretazzjoni adottata mir-rikorrenti, fis-sens li l-proġett li jista' jiġi sospiż jista' jkun biss dak li fir-rigward tiegħu jkunu saru allegazzjonijiet ta' irregolarità jew ta' frodi, la hija sostnuta mir-regoli applikabbli u lanqas mill-ġurisprudenza. Għalkemm l-investigazzjoni kriminali bbażata fuq suspetti ta' frodi kienet tikkonċerna l-Ftehim ta' sussidju NGA, ir-REA qieset li s-suspetti setgħu jirrigwardaw ukoll il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

59 Fit-tielet lok, ir-REA ttenni l-argument li, billi ssospendiet il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, hija ma aġixxietx abbażi ta' premessa żbaljata sa fejn huwa stabbilit li ż-żewġ impjegati tar-rikorrenti kkonċernati mill-investigazzjoni kriminali kienu ssuspettati bi frodi taħt id-dritt kriminali Taljan, kemm fil-mument li fih hija bagħtet l-ittra ta' informazzjoni minn qabel u kemm fil-mument li fih hija bagħtet l-ittra ta' konferma tas-sospensjoni.

60 Fir-raba' lok, ir-REA ssostni, qabelxejn, li hija applikat il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU b'osservanza tal-prinċipju ta' *bona fide* ggarantit mill-Artikoli 1134 u 1156 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan. F'dan ir-rigward, ir-REA tenfasizza li hija osservat l-Artikolu 33.2.2 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, li jipprovdi li, meta hija jkollha l-intenzjoni li tissospendi l-implimentazzjoni tal-ftehim, hija għandha tavża formalment lill-benefiċjarju bl-intenzjoni tagħha u bir-raġunijiet għaliex tkun ser tagħmel dan u tistedinha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien 30 jum mill-komunikazzjoni. Ir-REA tenfasizza li hija ssodisfat l-obbligi kuntrattwali tagħha billi bagħtet, fit-23 ta' Frar 2022, l-ittra ta' informazzjoni minn qabel lir-rikorrenti u billi informatha bl-intenzjoni tagħha li tissospendi l-imsemmi ftehim, u bir-raġunijiet għaliex, u billi stednitha tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fit-terminu stabbilit.

61 Sussegwentement, ir-REA żżid tgħid li għalkemm huwa tabilħaqq minnu li, f'Lulju 2021, ir-rikorrenti kienet informatha bl-investigazzjoni kriminali pendenti fl-Italja konformement mal-obbligu tagħha ta' komunikazzjoni previst fl-Artikolu 12 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u li l-persuna responsabbli għall-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fi ħdan ir-REA u r-rikorrenti kienu ħadu sehem f'laqgħa permezz ta' videokonferenza, matul din il-laqgħa, ir-REA ma kinitx ħadet pożizzjoni formali dwar il-konsegwenzi tal-investigazzjoni kriminali.

62 F'dan ir-rigward, minn naħa, ir-REA, fil-kontroreplika, ikkontemplat is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fid-dawl tal-elementi mqajma matul l-investigazzjoni kriminali. Ir-REA tippreċiża li l-fatt li hija kienet taf bl-investigazzjoni tal-OLAF fil-mument tal-ittra ta' informazzjoni minn qabel huwa irrilevanti, sa fejn hija marbuta bis-sigriet ta' dawn l-investigazzjonijiet u sa fejn l-ittra ta' informazzjoni minn qabel ma tirreferix għall-imsemmija investigazzjoni u ma għandhiex x'taqsam magħha.

63 Min-naħa l-oħra, matul is-seduta u bi qbil ma' dak li hija kienet sostniet fir-risposta, ir-REA sostniet li kien wara li ġiet informata bil-ftuħ tal-investigazzjoni tal-OLAF f'Jannar 2022, investigazzjoni li kompliet iżżid is-suspetti ta' frodi mwettqa mir-rikorrenti, li hija kienet ikkontemplat li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

64 Barra minn hekk, ir-REA ssostni li, għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-rikorrenti, din tal-aħħar ma ġarrbitx dannu gravi minħabba li ntbagħtet l-ittra ta' informazzjoni minn qabel diversi xhur wara l-laqgħa permezz ta' videokonferenza tas-6 ta' Awwissu 2021, sa fejn ir-rikorrenti kellha żmien, bejn il-mument li fih intbagħtet l-ittra ta' informazzjoni minn qabel fit-23 ta' Frar 2022 u l-mument li fih daħlet fis-seħħ is-sospensjoni fis-7 ta' Mejju 2022, sabiex tħejji ruħha għas-sospensjoni u tfassal pjan sabiex ittaffi l-konsegwenzi tagħha.

65 Fir-rigward ukoll tal-argument li r-REA rrifjutat li tiltaqa' mar-rikorrenti u li teżamina l-kwistjoni kemm matul il-proċedura ta' sospensjoni u kemm wara l-adozzjoni tas-sospensjoni, ir-REA tfakkar ukoll li hija ma kinitx obbligata, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-rikorrenti, tiltaqa' magħha wara l-bidu tal-proċedura ta' sospensjoni. Barra minn hekk, ir-REA ma għandhiex dritt tiltaqa' mal-benefiċjarju ta' ftehim ta' sussidju meta tkun għaddejja investigazzjoni tal-OLAF relatata ma' dan il-benefiċjarju.

66 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq l-allegat ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, ir-REA tqajjem l-inammissibbiltà ta' dan l-argument u, sussidjarjament, tqis li, għall-kuntrarju ta' dak li tallega r-rikorrenti, hija osservat l-imsemmija prinċipji.

67 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kellha tkun ibbażata fuq l-Artikolu 33.2.1(b) tal-imsemmi ftehim, li jirrifletti l-Artikolu 202(2) tar-Regolament Finanzjarju u li, madankollu, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu ma kinux issodisfatti, ir-REA ssostni li dan l-argument huwa irrelevanti sa fejn, f'dan il-każ, il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU ġie sospiż skont l-Artikolu 33.2.1(a) tiegħu, li jirrifletti l-Artikolu 131 tar-Regolament Finanzjarju.

68 L-ewwel u t-tielet motiv essenzjalment iqajmu l-kwistjoni preliminari dwar jekk, kif proprju ssostni r-rikorrenti, ir-REA, billi adottat id-deċiżjoni li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, kisritx l-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

69 Għalhekk, l-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lir-REA tissospendi l-imsemmi ftehim.

70 L-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jipprovdi dan li ġej:

"L-Aġenzija tista' tissospendi l-implimentazzjoni tal-azzjoni jew ta' parti minnha jekk:

(a) benefiċjarju (jew kwalunkwe persuna fiżika awtorizzata tirrappreżentah jew tieħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun wettaq jew ikun issuspettat li wettaq:
   (i) żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi, jew
   (ii) ksur serju tal-obbligi li jirriżultaw minn dan il-ftehim jew matul il-proċedura ta' għoti (inkluż l-implimentazzjoni skorretta tal-azzjoni, is-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni falza, in-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa, il-ksur tal-prinċipji tal-etika) jew

(b) benefiċjarju (jew kwalunkwe persuna fiżika awtorizzata tirrappreżentah jew tieħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun wettaq – fil-kuntest ta' sussidji oħra tal-[Unjoni] jew tal-Euratom mogħtija lilu taħt kundizzjonijiet simili – żbalji, irregolaritajiet, frodi jew ksur serju tal-obbligi, sistemiċi jew rikorrenti, li jkollhom impatt sinjifikattiv fuq dan is-sussidju (estensjoni għal dan is-sussidju tal-konstatazzjonijiet magħmula fir-rigward ta' sussidji oħra – ara l-Artikolu 17.5.2)."

71 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU ġiet deċiża mir-REA skont l-Artikolu 33.2.1(a)(i) ta' din tal-aħħar, minħabba l-fatt li l-President-Direttur Ġenerali u d-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti kienu s-suġġett tal-investigazzjoni kriminali għal suspetti ta' frodi marbuta mal-eżekuzzjoni ta' ftehim ta' sussidju li ma huwiex il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, jiġifieri l-Ftehim ta' sussidju NGA.

72 Fl-ewwel lok, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jirriżulta li r-REA tista' tissospendi l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim, *inter alia*, minħabba suspetti ta' frodi li jkunu jikkonċernaw kemm il-kumpannija benefiċjarja tal-imsemmi ftehim, kif ukoll "kull persuna fiżika awtorizzata [tirrappreżentaha] jew tieħu deċiżjonijiet [f'isimha]". Minn dan jirriżulta li, kif issostni ġustament ir-REA, suspetti ta' frodi fir-rigward tal-President-Direttur Ġenerali u d-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti jistgħu, bħala prinċipju, jiġġustifikaw

is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, sa fejn il-President-Direttur Ġenerali u d-Direttur Finanzjarju huma, bħal f'dan il-każ, awtorizzati jirrappreżentaw jew jieħdu deċiżjonijiet f'isem ir-rikorrenti.

73 Fil-fatt, minkejja t-tentattivi tar-rikorrenti li tqis lill-President-Direttur Ġenerali tagħha u lid-Direttur Finanzjarju tagħha bħala sempliċi impjegati bla ebda setgħa deċiżjonali, mill-proċess jirriżulta li huwa d-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti li ffirma f'isimha kemm il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kif ukoll il-Ftehim ta' sussidju NGA u huwa l-President-Direttur Ġenerali tar-rikorrenti li ffirma, f'isem din tal-aħħar, l-ittra ta' attribuzzjoni minn qabel tad-19 ta' Marzu 2021, li permezz tagħha Ópera Business Dreams ingħatat il-kuntratt għall-implimentazzjoni tal-miżuri marbuta mal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

74 Fit-tieni lok, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jirriżulta li huwa biżżejjed, sabiex il-ftehim ta' sussidju jkun jista' jiġi sospiż, li l-benefiċjarju (jew kwalunkwe persuna fiżika awtorizzata tirrappreżentah jew tieħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun wettaq jew ikun "issuspettat li wettaq" żball sostanzjali, irregolarità jew frodi. Dan ifisser li l-eżistenza nnifisha tal-frodi jew il-prova ta' din tal-aħħar ma hijiex meħtieġa sabiex ir-REA tkun tista' tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2013, ANKO vs Il-Kummissjoni, T-118/12, mhux ippubblikata, EU:T:2013:641, punt 46).

75 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat jekk ir-REA setgħetx tikklassifika lill-President-Direttur Ġenerali u lid-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti bħala "persuni ssuspettati li wettqu frodi" fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU minħabba li kienu s-suġġett tal-investigazzjoni kriminali, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-fatt li, f'dan il-każ, fil-mument li fih intbagħtet l-ittra ta' konferma tas-sospensjoni, l-investigazzjoni kriminali kienet għadha fi stadju preliminari.

76 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li r-REA, sabiex tinterpreta l-kunċett ta' "persuna ssuspettata li wettqet frodi", fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-mod kif dan il-kunċett ġie applikat fid-dritt kriminali Taljan u kellha, għalhekk, tikkonkludi li, minħabba l-investigazzjoni kriminali, il-persuni inkwistjoni ma setgħux jitqiesu bħala "persuni ssuspettati" taħt id-dritt Taljan. Fil-fatt, fil-fehma tar-rikorrenti, billi l-investigazzjoni kriminali hija investigazzjoni preliminari li għadha pendenti u billi għadha ma ngħalqitx permezz ta' deċiżjoni li tirrinvija l-kawża quddiem il-qorti b'ġurisdizzjoni bil-għan li jinħareġ l-att tal-akkuża, ir-REA ma setgħetx tikklassifika l-persuni inkwistjoni bħala persuni ssuspettati li wettqu frodi. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tenfasizza li, skont l-Artikolu 60 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Taljan, huwa biss meta l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku jkun għalaq l-investigazzjoni preliminari u jkun ddeċieda li jitlob li l-persuna kkonċernata titqiegħed taħt att tal-akkuża li l-persuna kkonċernata tista' formalment titqies li hija "akkużata" u, għaldaqstant, "issuspettata li wettqet frodi".

77 Għandu jiġi rrilevat hawnhekk li l-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jirreferi b'mod ġenerali għas-suspetti li jkunu twettqu "żbalji sostanzjali, irregolaritajiet jew frodi", mingħajr ma jispeċifika l-oriġini jew is-sors ta' tali suspetti. B'hekk, l-eżistenza ta' investigazzjoni kriminali bbażata fuq suspetti ta' frodi fil-konfront taż-żewġ persuni fiżiċi awtorizzati jirrappreżentaw lir-rikorrenti jew jieħdu deċiżjonijiet f'isimha tista' tikkostitwixxi sors ta' "suspetti ta' frodi" fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

78 Barra minn hekk, din il-konstatazzjoni, mingħajr ma tiddetermina r-rilevanza u l-portata tal-Artikolu 60 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Taljan sabiex jiġu interpretati d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, ma tistax tiġi kkontestata mill-fatt li, fil-mument li fih ġie sospiż il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, l-imsemmija investigazzjoni kriminali kienet tinsab, skont l-interpretazzjoni tad-dritt kriminali Taljan invokat mir-rikorrenti, fi stadju preliminari.

79 B'dan premess, għandu jiġi ddeterminat jekk, f'dan il-każ, ir-REA setgħetx tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU bis-saħħa tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tiegħu, minkejja l-fatt li s-suspetti ta' frodi fil-konfront tal-President-Direttur Ġenerali u tad-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti kienu jirriżultaw mill-investigazzjoni kriminali li kienet tikkonċerna ftehim ta' sussidju li ma huwiex il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, jiġifieri l-Ftehim ta' sussidju NGA.

80 Dwar dan il-punt, il-partijiet ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u, b'mod partikolari, dwar id-differenza bejn il-punt (a) u l-punt (b) ta' dan l-artikolu.

81 Fil-fatt, mistoqsija dwar dan waqt is-seduta, ir-REA essenzjalment sostniet li, għalkemm l-Artikolu 33.2.1(b) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kien jiġġustifika s-sospensjoni tal-Ftehim TTD.EU u dan meta kien ġie kkonstatat li kienet "twettqet" frodi fil-kuntest ta' ftehimiet oħra, l-Artikolu 33.2.1(a)(i) kien jipprevedi l-possibbiltà li jiġi sospiż il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fil-preżenza ta' sempliċi "suspetti ta' frodi". Barra minn hekk, fil-fehma tar-REA, peress li l-kliem tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU ma jirreferi mkien għal dan il-ftehim, suspetti ta' frodi relatati mal-eżekuzzjoni ta' ftehimiet oħra ta' sussidju jistgħu jiġu kklassifikati bħala suspetti ta' frodi li jistgħu validament jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, li kieku l-awtur ta' dan il-ftehim ried jillimita l-possibbiltà li dan tal-aħħar jiġi sospiż biss għall-każijiet ta' suspetti ta' frodi marbuta mal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, huwa kien jispeċifika dan, kif proprju għamel fl-Artikolu 33.2.1(a)(ii) ta' dan tal-aħħar.

82 Madankollu, fil-fehma tar-rikorrenti, l-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU għandu jiġi interpretat fis-sens li l-punt (a) jiġġustifika s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU biss fil-preżenza ta' suspetti ta' frodi marbuta mal-eżekuzzjoni ta' dan l-istess ftehim, filwaqt li l-punt (b) jipprevedi li l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jista' jiġi sospiż fil-każ li tkun twettqet frodi fil-kuntest ta' ftehimiet oħra. Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, hija tenfasizza li, li kieku l-interpretazzjoni ssuġġerita mir-REA kienet valida, ma jkunx hemm differenza bejn il-punt (a) u l-punt (b) tal-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

83 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 33.2.1 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 1156 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, fl-interpretazzjoni ta' ftehim, wieħed għandu " jfittex l-intenzjoni komuni tal-partijiet kontraenti, pjuttost milli jillimita ruħu għat-tifsira letterali tat-termini".

84 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, ir-REA tista' tissospendi dan il-ftehim ta' sussidju kemm jekk il-benefiċjarju "jkun wettaq" frodi u kemm jekk il-benefiċjarju jkun "issuspettat li wettaq" frodi.

85 Huwa minnu li, kif tosserva r-REA, il-kliem tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU ma jirreferi mkien għal dan il-ftehim, b'tali mod li suspetti ta' frodi relatati mal-eżekuzzjoni ta' ftehim ieħor jistgħu jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-Ftehim TTD.EU.

86 Madankollu, għandu jiġi enfasizzat, minn naħa, li l-Artikolu 33.2.1(a)(ii) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jirreferi għal dan il-ftehim u, min-naħa l-oħra, li, skont l-Artikolu 33.2.1(b), ir-REA tista' tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jekk il-benefiċjarju tagħha jkun "wettaq – fil-kuntest ta' sussidji oħra tal-[Unjoni] jew ta' Euratom mogħtija lilu f'kundizzjonijiet simili – […] frodi".

87 B'hekk, skont l-Artikolu 1161 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, li jipprovdi li "[k]ull klawżola fi ftehim għandha tiġi interpretata 'l waħda b'rabta mal-oħra, b'mod li kull waħda tingħata t-tifsira li titnissel mill-att sħiħ", qari flimkien tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) u (ii) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u tal-Artikolu 33.2.1(b) ta' dan l-istess ftehim jippermetti li tinsilet il-konklużjoni li l-Artikolu 33.2.1(a)(i) jiġġustifika s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU meta l-benefiċjarju (jew kwalunkwe persuna fiżika awtorizzata tirrappreżentah jew tieħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun wettaq jew ikun issuspettat li wettaq frodi fl-eżekuzzjoni ta' dak il-ftehim. Madankollu, l-Artikolu 33.2.1(b) jippermetti s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU meta l-benefiċjarju (jew kwalunkwe persuna fiżika awtorizzata tirrappreżentah jew tieħu deċiżjonijiet f'ismu) ikun wettaq frodi fl-eżekuzzjoni ta' ftehim ieħor, kemm-il darba jkun ipprovat li l-imsemmija frodi għandha effett sinjifikattiv fuq il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

88 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi enfasizzat li, skont l-Artikolu 1157 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, (ara l-punt 44 iktar 'il fuq), din l-interpretazzjoni tippermetti li l-Artikolu 33.2.1(b) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jingħata effett utli.

89 Fil-fatt, kif ġustament issostni r-rikorrenti, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, kif proposta mir-REA (ara l-punt 81 iktar 'il fuq), tispiċċa ċċaħħad mis-sens tiegħu dak li hemm stipulat fl-Artikolu 33.2.1(b) tal-istess ftehim, peress li l-każ tas-sospensjoni tal-Ftehim TTD.EU minħabba frodi mwettqa fi ftehim ta' sussidju ieħor jista' – skont l-interpretazzjoni tar-REA – ikun diġà previst fl-Artikolu 33.2.1(a), b'mod li ma kienx ikun meħtieġ li jiġi previst il-punt (b) ta' din id-dispożizzjoni.

90 Min-naħa l-oħra, din l-interpretazzjoni hija konformi mal-prinċipju tal-interpretazzjoni *contra proferentem* stabbilit fl-Artikolu 1162 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, li "[f]il-każ ta' dubju, il-ftehim għandu jiġi interpretat kontra dak li jkun stipulah u favur dak li jkun ntrabat bl-obbligu". Konsegwentement, l-Artikolu 33.2.1(a) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU għandu jiġi interpretat kontra r-REA, li stipulat il-ftehim, u favur ir-rikorrenti, li ntrabtet bih.

91 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li s-sempliċi suspetti ta' frodi li jikkonċernaw l-eżekuzzjoni ta' ftehim ta' sussidju li ma huwiex il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, liema Ftehim ta' sussidju TTD.EU r-rikorrenti hija parti fih, ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala suspetti ta' frodi fis-sens tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU li jistgħu jiġġustifikaw is-sospensjoni ta' dan il-ftehim.

92 Barra minn hekk, kif ġie enfasizzat fil-punt 87 iktar 'il fuq, frodi li tikkonċerna l-eżekuzzjoni ta' ftehim ta' sussidju li ma huwiex il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU setgħet tiġġustifika s-sospensjoni ta' dan tal-aħħar, kemm-il darba kienu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 33.2.1(b) tiegħu, jiġifieri t-twettiq ta' frodi b'effett sinjifikattiv fuq il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, li ma kienx il-każ hawnhekk. Fil-fatt, peress li r-REA ma bbażatx id-deċiżjoni li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fuq l-Artikolu 33.2.1(b) tagħha minħabba li ma kienx stabbilit it-twettiq ta' frodi, hija ma eżaminatx jekk it-tieni kundizzjoni kinitx issodisfatta f'dan il-każ, jiġifieri jekk din il-frodi kellhiex effett sinjifikattiv fuq il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

93 Din il-konklużjoni ma tistax tiġi kkontestata mill-argumenti l-oħra mressqa mir-REA.

94 L-ewwel nett, fir-rigward tal-argument li, essenzjalment, ir-REA ddeċidiet li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU wara li ġiet informata bil-ftuħ tal-investigazzjoni tal-OLAF, liema investigazzjoni kienet tirrigwarda ċertu numru ta' ftehimiet ta' sussidju ffirmati mir-rikorrenti, inkluż il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, għandu jiġi rrilevat, qabelxejn, li dan l-argument huwa kontradett mill-fatt, li r-REA nnifisha ammettiet fil-kontroreplika (ara l-punt 62 iktar 'il fuq), li kemm l-ittra ta' informazzjoni minn qabel kif ukoll l-ittra ta' konferma tas-sospensjoni jimmotivaw is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU biss minħabba l-investigazzjoni kriminali mibdija fil-konfront tal-President-Direttur Ġenerali u tad-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti. Fiż-żewġ dokumenti, ma jsir ebda riferiment għall-investigazzjoni tal-OLAF.

95 Barra minn hekk, f'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li n-nota tat-13 ta' Jannar 2022, li permezz tagħha l-OLAF informa lir-REA bil-ftuħ tal-investigazzjoni tiegħu, ma kinitx tipprevedi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU bħala miżura amministrattiva preventiva (ara l-punt 12 iktar 'il fuq).

96 B'hekk, l-informazzjoni fil-proċess (ara l-punt 94 iktar 'il fuq) tippermetti li jitqies li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kienet motivata biss mill-investigazzjoni kriminali dwar is-suspetti ta' frodi fl-eżekuzzjoni tal-Ftehim ta' sussidju NGA.

97 Huwa minnu li r-REA, bħal kull istituzzjoni, kull korp u kull organu tal-Unjoni, hija obbligata, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-OLAF u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU 2013, L 248, p. 1), tiżgura l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet imwettqa mill-OLAF.

98 Madankollu, mill-ġurisprudenza jirriżulta li r-regola ta' kunfidenzjalità tal-investigazzjonijiet tal-OLAF, stabbilita mill-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 883/2013, għandha tiġi interpretata fil-kuntest tagħha u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-premessa 12 ta' dan ir-regolament, li tipprovdi li l-investigazzjonijiet tal-OLAF għandhom jitmexxew b'rispett sħiħ lejn il-libertajiet fundamentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2019, Dalli vs Il-Kummissjoni, T-399/17, mhux ippubblikata, EU:T:2019:384, punt 169).

99 Issa, f'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont it-termini tal-Artikolu 33.2.2 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, "[q]abel tissospendi l-implimentazzjoni tal-[Ftehim ta' sussidju TTD.EU], l-aġenzija għandha tavża formalment lill-koordinatur jew lill-benefiċjarju kkonċernat bl-intenzjoni tagħha li tissospendi l-implimentazzjoni u bir-raġunijiet għaliex tkun ser tagħmel dan u tistedinha tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha fi żmien 30 jum mill-komunikazzjoni."

100 Għaldaqstant, għalkemm, skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Nru 883/2013, ir-REA kellha l-obbligu li tiżgura l-osservanza tal-kunfidenzjalità tal-investigazzjoni tal-OLAF, hija kienet obbligata wkoll, skont l-Artikolu 33.2.2 tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, tosserva l-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' sospensjoni tal-imsemmi ftehim, sabiex ir-rikorrenti tkun tista' tiddefendi ruħha.

101 Għalhekk, f'dan il-kuntest u fid-dawl tal-informazzjoni fil-proċess (ara l-punt 94 iktar 'il fuq), l-obbligu ta' kunfidenzjalità fid-dawl tal-investigazzjoni tal-OLAF, li, barra minn hekk, issemma mir-REA, b'mod ġeneriku, wara l-preżentata tar-rikors, ma jistax jikkonvinċi billi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kienet motivata minn suspetti ta' frodi fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' dan l-istess ftehim u mhux tal-Ftehim ta' sussidju NGA.

102 It-tieni nett, fir-rigward tal-argument li r-REA, billi ssospendiet il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, aġixxiet bi prudenza, sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandu jiġi rrilevat li l-obbligu ta' ġestjoni finanzjarja tajba tar-riżorsi tal-Unjoni li r-REA għandha, bħala aġenzija, taħt l-Artikolu 317 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Frar 2024, Greenspider vs Eismea, T-733/21, mhux ippubblikata, EU:T:2024:104, punt 39), ma jistax jawtorizzaha tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU bi ksur tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tiegħu.

103 B'hekk, għandu jitqies li r-REA, billi ddeċidiet li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU minħabba l-fatt li l-President-Direttur Ġenerali u d-Direttur Finanzjarju tar-rikorrenti, jiġifieri żewġ persuni fiżiċi awtorizzati jirrappreżentaw jew jieħdu deċiżjonijiet f'isem ir-rikorrenti, kienu ssuspettati bi frodi fil-kuntest ta' ftehim ta' sussidju li ma huwiex il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, kisret l-Artikolu 33.2.1(a)(i) tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

104 Għalhekk, fid-dawl tal-premess, l-ewwel u t-tielet motiv mressqa insostenn tal-ewwel kap tat-talbiet għandhom jintlaqgħu, mingħajr ma huwa meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar l-argumenti l-oħra mressqa mir-rikorrenti insostenn ta' dawn il-motivi u dwar il-motivi l-oħra mressqa insostenn ta' dan il-kap tat-talbiet.

Fuq it-tieni kap tat-talbiet, intiż sabiex il-Qorti Ġenerali tordna lir-REA tneħħi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU

105 Fir-rigward tat-tieni kap tat-talbiet, għandu jitfakkar li, permezz ta' ittra tal-10 ta' Settembru 2024, ir-REA informat lill-Qorti Ġenerali bil-fatt li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kienet tneħħiet u li hija kienet ftehmet mar-rikorrenti li l-eżekuzzjoni ta' dan tal-aħħar tkompli mill-ġdid, u dan kif ikkonfermat ir-rikorrenti f'ittra tal-14 ta' Ottubru 2024 (ara l-punti 26 u 27 iktar 'il fuq). Għaldaqstant, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-tieni kap tat-talbiet.

Fuq it-tielet kap tat-talbiet, intiż sabiex ir-REA tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 500 000 bħala kumpens

106 Ir-rikorrenti hija tal-fehma li ġarrbet dannu ekonomiku serju minħabba s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU u qiegħda titlob kumpens mingħand ir-REA, fl-ammont ta' EUR 500 000, ammont li, fil-fehma tagħha, jista' jiġi ppreċiżat iktar matul il-proċedura.

107 Ir-rikorrenti tenfasizza, abbażi tar-rapport ta' espert maħtur minnha (iktar 'il quddiem ir-"rapport tal-espert maħtur"), li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jista' jkollha impatt ekonomiku negattiv fuq l-eżekuzzjoni tiegħu, li kieku dan tal-aħħar kellu jissokta. Fil-fatt, fil-fehma tar-rikorrenti, minkejja li l-għanijiet u l-baġit tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU jibqgħu l-istess, il-kuntest ekonomiku u ġeopolitiku internazzjonali, ikkaratterizzat b'mod partikolari miż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-enerġija u minn diffikultajiet fejn jidħlu t-trasport u l-loġistika, aktarx ser iwassal għal reviżjoni tal-istejjem li hija ngħatat f'Jannar 2022 għall-fieri, għall-workshops, għall-konferenzi u għall-avvenimenti l-oħra, u dan iġiegħel lir-rikorrenti twettaq l-attivitajiet b'mod kunsiderevolment imnaqqas meta mqabbel ma' dak li kien inizjalment previst, tirrinunzja għall-eżekuzzjoni ta' ċerti attivitajiet u, fl-aħħar lok, tirrinunzja għall-eżekuzzjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU fl-intier tiegħu.

108 Barra minn hekk, wara li enfasizzat li hija attur professjonali magħruf fil-qasam tal-inbid, kemm fil-livell nazzjonali u kemm fil-livell dinji u tal-Unjoni, ir-rikorrenti ssostni li s-sospensjoni bl-għaġla tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU tagħmel ħsara lir-reputazzjoni tagħha u lill-impressjoni li l-pubbliku għandu tagħha mil-lat ta' affidabbiltà kummerċjali, ta' kredibbiltà, ta' ekwità u ta' *bona fide* fir-relazzjonijiet tagħha mal-imsieħba.

109 Barra minn hekk, fil-fehma tar-rikorrenti, id-dannu mġarrab huwa wieħed ċert peress li l-evalwazzjoni tal-konsegwenzi negattivi li jistgħu jirriżultaw mis-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU ġiet iddettaljata fir-rikors.

110 Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni r-REA, ir-rikorrenti tqis li teżisti rabta kawżali bejn id-danni mġarrba u l-aġir tar-REA sa fejn, mingħajr is-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, hija ma kienet iġġarrab ebda dannu.

111 Ir-REA tikkontesta dawn l-argumenti u tqis li t-talba għal kumpens għal danni materjali u morali hija manifestament infondata.

112 Qabelxejn, għandu jiġi enfasizzat li għalkemm huwa minnu li s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU tneħħiet (ara l-punt 26 iktar 'il fuq), it-tkomplija mill-ġdid tal-eżekuzzjoni tiegħu ma tagħmilhiex possibbli għar-rikorrenti li tikseb riżultat li jekwivali għal dak li hija tfittex bit-talba għal kumpens għad-dannu li hija tqis li ġarrbet minħabba s-sospensjoni tal-imsemmi ftehim ta' sussidju.

113 B'hekk, għad hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal kumpens tar-rikorrenti.

114 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li t-talba għal kumpens tar-rikorrenti hija ta' natura esklużivament kuntrattwali.

115 B'hekk, għandu jitfakkar li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, ir-responsabbiltà kuntrattwali tal-Unjoni hija rregolata mil-liġi applikabbli għall-kuntratt inkwistjoni, li, f'dan il-każ, kif diġà ġie kkonstatat fil-punt 36 iktar 'il fuq, hija d-dritt tal-Unjoni applikabbli kkompletat, jekk ikun meħtieġ, mid-dritt Belġjan.

116 Dan ifisser li, kif ġie rrilevat fil-punti 37 u 38 iktar 'il fuq, il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, it-Trattat FUE, il-Karta u r-Regolament Finanzjarju u, sabiex timtela xi lakuna fid-dispożizzjonijiet kuntrattwali jew fid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, mid-dritt nazzjonali indikat fil-ftehim, jiġifieri, f'dan il-każ, id-dritt Belġjan.

117 B'hekk, f'dan il-kuntest, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jitfakkru l-prerekwiżiti għar-responsabbiltà kuntrattwali fid-dritt Belġjan fis-seħħ fil-mument li fih ġie konkluż u eżegwit il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

118 Fl-ewwel lok, l-Artikolu 1142 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, li jaqa' taħt it-Titolu III tal-Ktieb III, intitolat "Kuntratti jew obbligi kuntrattwali b'mod ġenerali", jipprovdi li "[k]walunkwe obbligu li ssir jew li ma ssirx xi ħaġa għandu jsarraf f'kumpens, fil-każ li d-debitur ma jkunx wettaq dak l-obbligu".

119 Fit-tieni lok, skont l-Artikolu 1147 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, "[i]d-debitur huwa kkundannat, fejn xieraq, għall-ħlas ta' kumpens, jew minħabba in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligu, jew minħabba d-dewmien fl-eżekuzzjoni, kull meta ma jirnexxilux juri li n-nuqqas ta' eżekuzzjoni jkun dovut għal kawża esterna li ma tistax tiġi attribwita lilu u li ma jkun hemm ebda *mala fide* min-naħa tiegħu".

120 Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-fatt li fuqu hija bbażata r-responsabbiltà kuntrattwali, skont il-Kodiċi Ċivili Belġjan, huwa n-nuqqas ta' eżekuzzjoni, totali jew parzjali, tal-kuntratt, imputabbli lil wieħed mill-partijiet kontraenti. Sabiex jinkiseb kumpens għad-danni mġarrba minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt, irrispettivament minn jekk dawn ikunux ta' natura patrimonjali jew le, hija l-persuna li titlob il-kumpens li għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn in-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali u d-dannu kif ikun seħħ (ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, Meta Group vs Il-Kummissjoni, T-744/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:304, punt 270 u l-ġurisprudenza ċċitata).

121 Kif proprju tenfasizza r-REA, mingħajr ma ġiet kontradetta mir-rikorrenti, għandhom jiġu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet f'dan il-kuntest sabiex jiġi kkumpensat dannu ta' oriġini kuntrattwali, jiġifieri n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, id-dannu u r-rabta kawżali bejn in-nuqqas ta' eżekuzzjoni u d-dannu (ara s-sentenza tal-4 ta' Mejju 2017, Meta Group vs Il-Kummissjoni, T-744/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:304, punt 271 u l-ġurisprudenza ċċitata).

122 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, għandu jiġi kkonstatat li, kif jirriżulta mill-eżami tal-ewwel kap tat-talbiet, ir-REA ddeċidiet li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju TTD.EU bi ksur tal-Artikolu 33.2.1(a)(i) tiegħu.

123 Għalhekk, peress li t-tliet kundizzjonijiet imsemmija fil-punt 121 iktar 'il fuq huma kumulattivi (sentenza tal-11 ta' Ġunju 2015, EMA vs Il-Kummissjoni, C-100/14 P, mhux ippubblikata, EU:C:2015:382, punt 100), għandu jiġi eżaminat jekk humiex issodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħra msemmija fil-punt 121 iktar 'il fuq.

124 Fir-rigward tat-tieni kundizzjoni, ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi kkumpensata kemm għal dannu materjali kif ukoll għal dannu morali.

125 B'mod partikolari, fir-rigward tad-dannu materjali, ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi kkumpensata għall-konsegwenzi ekonomiċi negattivi li, fil-fehma tagħha, jirriżultaw mis-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU (ara l-punt 107 iktar 'il fuq).

126 Issa, għalkemm huwa minnu li, wara s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, ir-rikorrenti kellha aktarx tissospendi jew tikkanċella ċerti fieri, workshops, konferenzi u avvenimenti oħra, organizzati sabiex jiġi eżegwit il-Ftehim ta' sussidju TTD.EU, hija ma tipprovax li d-danni materjali li hija tallega seħħew tassew f'dan il-każ.

127 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li r-rikorrenti tipproduċi r-rapport tal-espert maħtur tas-7 ta' Lulju 2022.

128 Madankollu, ir-rapport tal-espert maħtur jippreċiża li, fid-data li fih tfassal ir-rapport, "ma [kien] seħħ ebda telf finanzjarju jew ħlas bil-quddiem: pereżempju, ma [kienet] tħallset ebda somma bil-quddiem […], ma [kienet] tħallset ebda penali u ma [kien] ġie llikwidat ebda ħlas akkont".

Għal din ir-raġuni, ir-rapport tal-espert maħtur juri biss ir-"riskji ekonomiċi, finanzjarji, patrimonjali u mhux patrimonjali potenzjali li r-rikorrenti tista' tħabbat wiċċha magħhom wara s-sospensjoni".

129 B'hekk, ir-rapport tal-espert maħtur jenfasizza, bħala eżempju, li PRODECA, benefiċjarja Spanjola, "sabet ruħha fis-sitwazzjoni li kellha tiddeċiedi li ma tiħux sehem fil-fiera tal-ikel u tax-xorb (China Food oDrinks Fair) ta' Chengdu, fiċ-Ċina, inizjalment prevista f'Marzu, u wara posposta għal April, u sussegwentement posposta għal Lulju-Awwissu 2022", u dan meta kienet "diġà kkonfermat l-avveniment fil-bidu ta' Frar 2022 u kienet ħallset EUR 33 500 bil-quddiem lill-organu li organizza l-avveniment sabiex jirriżerva ż-żona fejn kien ser jiġi installat l-istand ta' 85 metru kwadru". Madankollu, għalkemm huwa minnu li r-rikorrenti tipproduċi abbozz ta' stima sabiex tipprova li kellu jsir il-ħlas bil-quddiem ta' EUR 33 500 sabiex tiġi rriżervata ż-żona fejn kien ser ikun installat l-istand ta' 85 metru kwadru, hija ma tipproduċi ebda prova intiża sabiex turi li dan l-ammont effettivament tħallas.

130 Barra minn hekk, ir-rapport tal-espert maħtur jelenka sensiela sħiħa ta' fieri kummerċjali previsti, li 'l quddiem ġew ikkanċellati jew sospiżi. Madankollu, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-avveniment intitolat "ProWine Shangai", ir-rapport tal-espert maħtur sempliċement jipprovdi stima tal-ispejjeż potenzjali mingħajr ma jipproduċi ebda dokument li jipprova li l-imsemmija spejjeż effettivament intefqu. Bl-istess mod, il-prova tal-ispejjeż purament indikattivi stmati għall-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-avvenimenti l-oħra kkanċellati msemmija fir-rapport tal-espert maħtur, bħal "WineTo Asia Shenzhen", "Bellavita Chicago Expo", "Summer Fancy Food edition" u "Texom in Dallas", hija prodotta minn fuljetti jew skedi ta' attivitajiet li ma fihom ebda fatturi li jipprovaw li l-imsemmija spejjeż ġew effettivament sostnuti.

131 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-lista tal-workshops, tal-avvenimenti tal-kummerċ elettroniku bejn l-impriżi (business-to-business e-commerce), tas-seminars, tat-taħriġ u tal-fieri kummerċjali futuri li jissemmew fir-rapport tal-espert maħtur, għandu jiġi osservat li din hija sempliċi lista ta' avvenimenti, fosthom ukoll xi wħud li seħħew qabel id-data li fiha daħlet fis-seħħ is-sospensjoni, li ma hija akkumpanjata minn ebda stima, lanqas stima indikattiva, tal-ispejjeż.

132 Barra minn hekk, mistoqsija f'dan ir-rigward waqt is-seduta, ir-rikorrenti, wara li ppreċiżat li d-dannu materjali li hija invokat kellu jitqies bħala dannu attwali u li diġà seħħ, ma kinitx f'pożizzjoni li tindika liema dokumenti mill-proċess kienu jippermettu li jiġi pprovat id-dannu materjali allegat u, b'mod partikolari, l-ispejjeż li hija allegatament kellha tbati minħabba s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

133 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma tipprovax li d-dannu materjali li hija tallega li ġarrbet minħabba s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU kien tassew seħħ fil-mument tal-preżentata tar-rikors. Kif issostni r-REA, hija ssejjes it-talbiet tagħha fuq sempliċi projezzjonijiet, u dan huwa kkonfermat ukoll mill-fatt li r-rikorrenti ma tippreċiżax eżattament l-ammont tad-dannu materjali li għalih hija qiegħda titlob li tiġi kkumpensata.

134 Fir-rigward tad-dannu morali, ir-rikorrenti qiegħda titlob li tiġi kkumpensata għal allegata ħsara għar-reputazzjoni u għall-impressjoni li l-pubbliku għandu tagħha, li, fil-fehma tagħha, tirriżulta mis-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU. Madankollu, hija ma ġġib ebda prova li turi tali dannu.

135 Fl-aħħar nett u sussidjarjament, fir-rigward tat-tielet kundizzjoni, li tirrigwarda l-eżistenza ta' responsabbiltà kuntrattwali, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma tipprovax b'mod ċert rabta kawżali bejn l-allegat aġir tar-REA u d-danni allegatament imġarrba.

136 Fil-fatt, fir-rigward tad-dannu materjali invokat, anki li kellu jitqies li tali dannu huwa stabbilit (ara l-punt 133 iktar 'il fuq), mir-rapport tal-espert maħtur jirriżulta li, "minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u s-sospensjoni tal-attivitajiet minħabba fiha, […] il-programm kellu, sa mill-ħolqien tiegħu, kontinwament iħabbat wiċċu mal-bżonnijiet ġodda tas-suq u mad-diffikultajiet oġġettivi ta' implimentazzjoni tal-attivitajiet, minħabba l-ħtieġa kontinwa ta' kanċellazzjonijiet u ta' posponimenti ta' avvenimenti". Ma jistax jiġi eskluż, għalhekk, li tal-inqas parti mill-ispejjeż addizzjonali li r-rikorrenti ssostni li kellha tbati minħabba s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU huma fir-realtà marbuta mal-pandemija tal-COVID-19.

137 Fir-rigward tad-dannu morali, anki li kellu jitqies li tali dannu huwa stabbilit (ara l-punt 134 iktar 'il fuq), ma jistax jiġi eskluż li dan jista' jkun marbut mal-investigazzjoni kriminali u mhux mas-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU.

138 Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha premessi, it-tielet kap tat-talbiet għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

139 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-REA ħarġet telliefa fil-partijiet essenzjali tat-talbiet tagħha, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, skont it-talbiet tar-rikorrenti.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Għaxar Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-deċiżjoni tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għar-Riċerka (REA) li tissospendi l-Ftehim ta' sussidju Nru 874904 relatat mal-proġett intitolat "European Quality Wines: Taste the Difference – TTD.EU" u li tinsab fl-ittra tar-REA tat-2 ta' Mejju 2022 hija invalida.

2) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar it-tieni kap tat-talbiet intiż li r-REA tintalab tneħħi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju Nru 874904 relatat mal-proġett intitolat "European Quality Wines: Taste the Difference – TTD.EU".

3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

4) Ir-REA hija kkundannata għall-ispejjeż.

Porchia Jaeger Madise

Nihoul Verschuur

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-11 ta' Diċembru 2024.

Firem

Werrej

Il-fatti li wasslu għall-kawża 2

Fatti li seħħew wara l-preżentata tar-rikors 5

It-talbiet tal-partijiet 6

Id-dritt 7

Fuq il-klawżola ta' arbitraġġ 7

Fuq id-dritt applikabbli 7

Fuq l-ewwel kap tat-talbiet, intiż sabiex il-Qorti Ġenerali tiddikjara l-invalidità tal-ittra ta' konferma tas-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU 8

Fuq it-tieni kap tat-talbiet, intiż sabiex il-Qorti Ġenerali tordna lir-REA tneħħi s-sospensjoni tal-Ftehim ta' sussidju TTD.EU 17

Fuq it-tielet kap tat-talbiet, intiż sabiex ir-REA tiġi kkundannata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 500 000 bħala kumpens 17

Fuq l-ispejjeż 21